MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tat-2 ta' April, 2014

Talba Numru. 593/2013

**GO plc**

**vs**

**Vasilescu Daniela Elenora**
**(Passaport Rumen-11977385)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u tnejn u sittin ewro u tlett centezmi (€462.03c) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40141654 moghtija mis-socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok.IZY 1 u Dok.IZY 2 – prospett u ftehim ghall-akkont numru A/C40141654 u Dok IZY 3 – kopja ta' ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Semgha d-deposizzjoni tar-rapprezentant tas-socjeta’ attrici, li kkonfermat illi l-ammont pretiz ghadu dovut fl-intier tieghu.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill- konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erba’ mija tnejn u sittin ewro u tliet centezmi (€462.03c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------